KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Gunju 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbgha u erbghin (44) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-erbgha u ebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 3 ta' Gunju 2010 fis-5.45pm.**

L-erbgha u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Rapport tal-Awditur
6. Kundizzjonijiet dwar l-użu tal-fosos
7. Vandaliżmu fil-Floriana
8. *Summer League* tal-*Football*
9. Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2011
10. Isle of MTV 2010
11. Ġenna ta' Ġonna … u aktar !
12. Pubblikazzjoni tal-Kunsill *"Reminiscences of childhood in Floriana : Malta in peace and war, 1930-1950"*- Joe Bugeja
13. Għażla tal-Offerti : -
    KLF/Q/11/10 – Servizz ta' Accountant
14. Impjieg ta' *Events Coordinator*
15. Proposta tal-progett ta' Housing fi Triq Joseph J.Mangion
16. Progett ta' djar godda fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun
17. Pannelli informattivi ma' postijiet storici
18. Ħwejjeg Oħra
19. Aġġornament tal-laqgħa

Ghall-erbgha u erbghin (44) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbgha u erbghin (44) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet korrezzjoni ta' materja nru. 15.2, fejn flok “lis-Sindku” tigi korretta u ssir “lill-ebda kunsillier”.

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex titnehha l-materja nru 11.3 mill-minuti, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, SSH)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 1 (FD)

1.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.1, ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur:

Favur: 4 (NH, ET, FD, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

1.5 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.6 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.7 Il-minuti tal-laqgha straordinarja li nzammet fl-20 ta' April 2010, gew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand it-TCTC fejn offrew lil Kunsill jorganizza kors tal-kompjuter b'xejn ghat-tfal u ghall-kbar ghall-prezz ta' €850. Il-Kunsill approva.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kungress tal-Kunsill tal-Ewropa li ser ikunu qed izuru Malta ghal *monitoring visit* u talbu biex jiltaqghu mas-Sindku. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Kunsill kien gie offrut jiehu hsieb jipprovdi l-kirja ta' PA System u s-servizz ta' fotografu ghal Kantata Hodon Fjuri lil San Publju li jammontaw ghal €150 u €236 rispettivament. Il-Kunsill approva nem.con.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Senior Citizens fejn offrew li l-Kunsill jiehu hsieb it-trasport ghaz-zjara li l-grupp taghhom kien ser jorganizza f'Ghawdex. Il-Kunsill approva.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Brian Zammit fejn offra lill-Kunsill jaghmel espressjoni t'interess u jidhol fi'arrangament ta' *private public partnership* biex il-Kunsill ikun moghti ammont ta' sodod f'dar tal-anzjani ghall-anzjani Furjanizi. Il-Kunsill ma qabilx fil-principju ladarba l-ispiza mhux definita u anke minhabba l-fatt li la l-anzjani jridu

jintghazlu mill-Kunsill, din taf tohloq kunflitt.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza legali minghand l-avukat imqabbad minn Agius Printing Press rigward il-linji sofor li hemm biswit l-istess negozju fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel li ghandu jkabbar il-parking bay tal-garaxx skond il-ligi, jigifieri metru fuq kull naha tad-dahla tal-garaxx. Peress li l-ispazju li jifdal bejn il-keep clear u l-garaxx hija ta' inqas minn metru, il-Kunsill qabel li jkabbar ftit il-Keep Clear.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjonijiet bhala vaiation tal-kuntratt tal-picc sintetiku minghand JGC Ltd. biex issir xibka bhala saqaf ghall-picc, kif ukoll biex isir bieb ghan-naha ta' wara tal-picc, total ta' €3187 + VAT u €1075 + VAT rispettivament. Il-Kunsill approva dawn il-variations anke peress li ma kienux fil-Bill of Quantities.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dr Ronald Cuschieri fejn wiegeb li l-allegazzjoni tal-Kunsill lejn il-haddiema tal-ELC li kienu huma li laqtu l-fanal li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, kienet infondata u huma kienu lesti jaghmlu din l-istqarrija b' affidavit. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lil min irraporta lil dawn il-haddiema jekk hux lest jiehu affidavit kontra din id-dikjarazzjoni.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jinforma lill-Kunsill bil-progress fuq l-attivita' Iljieli Sajfin. Il-Vici-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill kampanja edukattiva proposta mill-SPCA li tkun imtella' matul dawn l-iljieli. Il-Kunsill approva. Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa wkoll li din is-sena l-Kunsill ghandu jqassam flyer bil-programm tal-iljieli lir-residenti fid-djar. Il-Kunsill qabel.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jinforma dwar x'kien gie konkluz fil-laqgha li kellu mas-Supretendent tal-iSptar Boffa. Il-Vici-Sindku nforma lil Kunsill li l-iSptar Boffa kien qed jitlob tlettax-il parking space apposta ghall-pazjenti tal-isptar biss filwaqt li dawn jigu moghtija card apposta li tindika li huma ntitolati ghal permess fit-tali data u t-tali hin. Il-Kunsill ma qabilx li ghandhom jinghataw daqshekk parking bays izda qabel li ghandu jaghti permess temporanju ghal sena mid-data li johrog il-permess tal-MEPA ghal total ta' 10 parking bays, tlieta minnhom f'Harper Lane u sebgha minnhom fit-Telgha tal-Kurcifiss. Il-Kunsill izomm id-dritt li jirrevedi dan il-permess meta jrid.Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob ukoll lil Trasport Malta biex issir bus-stop hdejn it-tarag tal-iSptar Sir Paul Boffa, dan biex jiffacilita t-trasport tal-pazjenti lejn u mill-isptar.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Greenlines Env. Services Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li r-rata ghal kull tunnellata kienet zdiedet. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan u qabel li ghandu jnehhi l-iskip u jaghmel ohra filwaqt li jiehu l-beneficcju tal-GreenMT.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien il-kuntrattur Daniel Attard li kien ser jiehu hsieb ix-xoghol ta' manutenzjoni fuq il-fil tal-faccata tal-latrini minhabba li dan ix-xoghol kien inkluz fil-kuntratt prezenti.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jaghti l-kummenti tieghu fuq is-sitwazzjoni tal-latrini. Il-Vici-Sindku ssuggerixxa lill-Kunsill li minhabba l-ammont t'ilmenti kontinwi, il-Kunsill jaghmel refurbishment ta' dawn il-latrini specjalment tal-madum, finishings u aluminium. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghal-apparat, manuteznjoni u aluminium. Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsill jahseb f'xi alternattivi biex jitnaqqas il-vandalizmu bhal impjieg ta' watchman jew l-introduzzjoni ta' charges ghall-uzu tal-latrini. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra dawn is-suggerimenti.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Arcidjocesi ta' Malta fejn urew is-sorpriza taghhom dwar il-bankijiet li kienu nqalghu minn fuq il-Fosos ghaz-zjara tal-Papa

f'Malta. Huma nsistew li l-bankijiet li nqalghu minnhom kienu regghu twahhlu. Il-Kunsill qabel li jara kemm hemm bankijiet neqsin u jitlob stima ghal ohrajn godda li tintbaghat lis-Sur Paul Borg Olivier. Rigward il-bankijiet l-ohra, il-Kunsill ghandu jaghmel claim mal-insurance ladarba dawn baqghu ma gewx irritornati.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minghand resident f'Dar il-Mistrieh rigward l-ammont ta' exhaust li r-residenti tal-istess dar isofru kuljum. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli ghandu jiehu hsieb jiltaqa' mal-anzjan li kien ressaq l-ilment.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ir-rapport tekniku tal-Perit dwar ir-*recessed floor uplighters* fejn gie ssuggerit l-ghazla ta' Option B. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'dan ir-rapport.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien tkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill dwar il-porfido tat-toroq ta' Balzunetta. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Valletta and Floriana Rehabilitation Programme u jitlobhom joffru dan il-porfido li kienu weghdu lill-Kunsill zmien ilu.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-MEPA li nformaw lill-Kunsill li fir-rigward tal-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill biex ibiddel il-bankina ta' Triq il-Miratur b'cngatura gdid tal-qawwi, il-MEPA qed isostni li ghandu jintuza l-istess gebal tal-qawwi antika li hemm prezentament u li fejn m'hemmx ghandha tintuza l-gebla tal-qawwi maqlugha minn toroq ohra. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lill-MEPA ghal-liema cangatura maqlugha minn toroq ohra qed tirreferi peress li l-uniku triq li minnha nqalghat cangatura tal-qawwi kienet minn Triq San Frangisk li l-kwantita zgur ma sserviex ghal htigijiet ta' Triq il-Miratur. Il-Kunsill qabel li jitlob laqgha mal-perit inkarigat mill-konservazzjoni fi hdan il-MEPA.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Karl de Flavia f'isem GK Events fejn talbu lill-Kunsill biex jorganizzaw attivita kongunta bl-isem The Traditional Maltese Wine and Beer Festival. L-organizzaturi talbu li l-Kunsill jiehu hsieb l-ispiza tal-kirja ta' Gnien l-Argotti u l-ispejjez tal-kantanti. Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ma japprovax din l-offerta' izda ma kien hemm l-ebda sekondant. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha mal-kuntratturi rigward din l-attivita'.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet dwar x'kien sar mir-railings li kien hemm mad-dawra tal-Knisja ta' Sarria. Is-Sindku wiegeb li dawn kienu nqalghu mill-Gvern Centrali izda baqghu qatt ma twahhlu u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Gvern Centrali jew lill-VFRP biex jipprovdu bollards li jitwahhlu minflok ir-railing msemmija.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet ghalfejn mhux qed tittiehed azzjoni kontra xi vetturi pparkjati vicin tal-Housing li fuqhom kien qed ikun hemm karta bil-kelma “Resident”. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsillier responsabbli mill-gwardjani lokali ghandu jiehu hsieb jikkuntattjahom u jinformahom b'dan filwaqt li jara x'inhi r-raguni ghalfejn kienet ghadha ma ttihdietx azzjoni.

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet ghal-liema raguni l-bieb tal-Polverista kien jinsab miftuh. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb jinforma lil-Lands Department biex dan il-bieb jerga' jinghalaq.

**NOTA: 19:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

3.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa dwar x'inhu l-progress tas-sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-bins ghas-siringi. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna s-*samples* minghand

il-kuntrattur.

3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ta’ min hu r-*reserved parking* li hemm quddiem l-Awtorita' tad-djar. Is-Sindku wiegeb li dan ir-reserved parking kien irregistrat f'isem l-Awtorita' stess.

3.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ghalfejn xi drabi l-gwardjani lokali kienu qed jonqsu milli jaghtu c-citazzjonijiet mistennija. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb jitlob laqgha ma' min hu nkarigat mill-gwardjani biex tigi diskussa s-sitwazzjoni.

3.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill dwar il-pjanijiet li hemm biex jinghalaq il-Gnien tal-Mall. Is-Sindku wiegeb li hu ma jaqbilx li dan jinghalaq minhabba li apparti li l-Mall huwa gnien pubbliku, dan jaqsam ukoll il-Floriana. Huwa zied jghid li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Gvern Centrali li l-Kunsill jaqbel mal-installazjoni ta' CCTV Cameras, madanakollu s-Sindku semma li l-Kunsill ghandu jiltaqa’ mal-awtoritajiet.

**NOTA: 19:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **39-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8656 sa 8679.

**NOTA: 19:30 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg staqsa x'inhu l-pagament ta' cekk nru. 8642. Is-Sindku wiegeb li dan kien pagament ghal xi xorb li nxtara ghall-gurija dakinhar tal-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8592 sa 8679, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Rapport tal-Awditur

5.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv jaqra u jispjega l-abbozz tar-risposta tar-rapport tal-awditur.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettal l-abbozz tar-risposta tal-ittra ta’ direzzjoni li giet iccirkolata mal-avviz tal-laqgha

5.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondat mill-Kunsillier

Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-abbozz tar-risposta tal-Kunsill, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, VB, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Kundizzjonijiet dwar l-użu tal-fosos

6.1 Is-Sindku ssuggerixxa biex il-Kunsill jabbozza bye-laws sabiex ikun hemm kundizzjonjijiet stipulati legalment.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jiehu hsieb il-procedura biex dawn il-bye-laws jigu diskussi waqt laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6.3 Il-Kunsill qabel ukoll li fil-kundizzjonijiet dwar l-uzu tal-fosos, ghandu jkun hemm introduzzjoni ta' penali kull gurnata dovuta lill-Kunsill ghal kull bank li jinqala', dan biex jiskoraggixxi l-abbuz ta' bankijiet li jinqalghu ghalxejn u jdumu xhur biex jergghu jitwahhlu.

6.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill bil-hsara tal-fanali tad-dawl ta' fuq il-Fosos u ziedet tghid li din il-hsara ilha 'l fuq minn gimghatejn. Hija nformat lill-Kunsill li l-Enemalta kienet qeghda tahdem fuq din il-hsara biex tinstab soluzzjoni mill-aktar fis.

6.5 Il-Kunsill qabel li fil-bye-law ghandu jinkludi li l-uzu ta' vetturi fuq il-Fosos m'hux ser ikun permess ghal hadd u f'kaz ta' ksur ta' dan, ser tigi ntrodotta penali. Il-Kunsill qabel li l-unika vettura li tkun permessa titla' fuq il-Fosos tkun dik ta' forklifter zghir.

## 7.0 Vandaliżmu fil-Floriana

7.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa dwar kif kien baqa' l-Kunsill rigward is-CCTV Camera li hemm installata fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-apparat jehtieg li ssirlu manutenzjoni filwaqt li hemm bzonn li l-Kunsill japplika ghal-linja tat-telefon u internet biex l-irrekodjar ikun jista' jigi accessat *online*.

7.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-kuntrattur li ssupplixxa s-sistema biex isir miljorament tas-sistema.

7.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li hu kien iltaqa' mal-grupp ta' tfal li kien kisser il-hgieg tal-latrina tal-bandli u dawn kienu offrew li jhallsu d-danni. Ghalhekk, il-Kunsill ma hassx il-htiega li jaghti l-ismijiet ta' dawn it-tfal lill-Pulizija ladarba huma stess avvicinaw lill-Kunsill u lesti jhallsu ghall-ispejjez.

## 8.0 *Summer League* tal-*Football*

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma li ntwera l-interess li jerga' jibda jigi organizzat is-summer league tal-football li tant kien popolari fil-Floriana.

8.2 Intant, is-Sindku kompla li sakemm ma jkunx hemm xi hadd li jkun lest li jiehu hsieb l-

organizazzjoni tieghu, ikun inutli li l-Kunsill jidhol ghal din l-inizjattiva.

8.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili li hija responsabbli mill-iSport qalet li hija lestha li tiehu hsieb l-organizazzjoni ta' dan it-tournament . Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili gibdet l-attenzjoni li jista' jkun hemm xi ghaqda lokali li ghandha l-hsieb li torganizza dan is-summer league.

8.4 Il-Kunsill qabel nem.con li jorganizza Summer League tal-Football sakemm ma jkunx ser jigi organizzat xi league iehor fil-Floriana matul ix-xhur tas-Sajf.

## 9.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2011

9.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kinietx harget is-sejha ghall-koordinatur ghal din l-attivita'. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li din is-sejha kienet harget.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghall-permess tal-Pulizija kienet diga saret u kien ghad fadal biss li l-Pulizija jaghtu l-approvazzjoni u l-permess taghhom ghal din l-attivita'.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsilliera jekk kienux semghu bl-attivita' li qed jinghad li ser issir fil-Belt Valletta f'lejliet l-ewwel tas-sena izda hadd ma kien ghadu sema' xejn konkret dwar dan.

## 10.0 Isle of MTV 2010

10.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-organizzaturi tal-Isle of MTV staqsew lill-Kunsill fejn xtaq ipoggi l-mobile toilets li b'kollox ser ikun hemm 40.

10.2 Il-Kunsill qabel li l-pozizzjonijiet ta' fejn ghandhom jitpoggew ghandhom jigu diskussi iktar 'il quddiem.

10.3 Is-Sindku Nigel Holland fakkar lill-Kunsill li l-organizzaturi gew mitluba li jingaggaw gwardjani lokali biex jissorveljaw Gnien il-Mall u t-toroq residenzjali fil-vicinanzi tal-fosos. Is-Sindku kompla li l-organizzaturi ser jiehdu hsieb it-tindif li ghandu jibda malli jispicca l-kuncert u ser ihallsu €233 lill-kuntrattur tal-Kunsill biex inaddaf iz-zoni residenzjali.

## 11.0 Ġenna ta' Ġonna … u hafna aktar !

11.1 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinfethu l-applikazzjonijiet ghal min hu nteressat biex jifforma parti mis-Sotto-Kumitat Genna ta' Gonna...u hafna aktar!!

11.2 Il-Kunsill qabel ukoll li dan is-sotto-kumitat ghandu jiehu hsieb iressaq programm dettaljat ta' x'ser isir dakinhar tal-attivita'.

## 12.0 Pubblikazzjoni tal-Kunsill *"Reminiscences of childhood in Floriana : Malta in peace and war, 1930-1950"-* Joe Bugeja

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Link School of English kienet offriet li takkomoda zewg persuni minn Macerata a spejjez taggha.

12.2 Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jaccetta din l-offerta' u li ghandu jorbot dan l-invit

mal-launch tal-ktieb ta' Joe Bugeja u tal-Heritage Trail tal-Floriana.

12.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li jidher li l-awtur qed jaghmel talbiet ta' kummissjoni mill-bejgh tal-ktieb li izda jidher li ghadu mhux cert minn dak li qed jippretendi. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jiccara ezatt dak li qed jitlob l-awtur u din it-talba ghandha terga' tigi diskussa f'laqgha li jmiss.

## 13.0 Għażla tal-Offerti : -

**Nota: 20:10 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat**

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.

### 13.1 KLF/Q/11/10 – Servizz ta' Accountant

**Nota: 20:15 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha**

13.1.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqt mozzjoni ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' tas-Sur Paul Bugeja fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet it-tieni l-aktar offerta vantaggjuza u peress li wera esperjenza akbar mill-orhos offerent fuq xoghol tal-Kunsilli Lokali, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 14.0 Impjieg ta' *Events Coordinator*

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta d-draft tal-*job description* tal-impjieg ta' events coordinator u saqsa jekk xi hadd mill-Kunsilliera xtaqx izid jew ibiddel xi haga minnha. Il-Kunsill approva d-deskrizzjoni.

14.2 Is-Sindku Nigel Holland saqsa wkoll min kien interessat jifforma parti mill-bord tal-ghazla tal-impjegat. Il-Kunsilliera kollha wrew ix-xewqa jkunu fuq il-bord.

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat informa lill-Kunsill li ser jitlob il-permess tad-Dipartment tal-Kunsilli Lokali ghall-approvazzjoni biex tinhareg is-sejha.

## 15.0 Proposta tal-progett ta' Housing fi Triq Joseph J.Mangion

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din l-materja billi fakkar fil-progett li l-Kunsill kien ghamel rapport professjonali dwaru u ressaq lill-awtoritajiet.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex il-Kunsill japplika mal-MEPA biex isir il-progett ta' Housing fi Triq Joseph J. Mangion halli l-Kunsill ikollu l-konferma jekk wara kollox, dan il-progett huwiexx possibli.

15.3 Il-Kunsill approva li jappika ghal-permess tal-MEPA u ghandu jqabbad lill-perit tal-Kunsill biex jibghat l-applikazzjoni.

## 16.0 Progett ta' djar godda fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljun

16.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kellu laqgha mal-Ministru Dolores Cristina fejn kien insista li dan il-progett jitlesta sad-data pjanata.

16.2 Is-Sindku nforma wkoll li t-tenders ghax-xogholijiet fuq gewwa ta' dawn id-djar kienu diga nhargu izda minhabba xi kontestazzjonijiet, ix-xoghol kien ghadu ma bediex.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland insista li l-Kunsill ghandu jsegwi mill-vicin dan il-progett halli jaghmel il-pressjoni tieghu u jitnaqqas id-dewmien.

## 17.0 Pannelli informattivi ma' postijiet storici

17.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li jitwahhlu pannelli bi stampi kbar antiki ma' certu postijiet storici biex juru kif kienu dawn il-postijiet fil-passat u ghalxiex kienu jintuzaw.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li biex dan ikun jista' jsir, il-Kunsill ser ikollu bzonn jikseb permessi mill-MEPA izda l-Kunsill insista li l-permess tal-MEPA mhuwiex bzonnjuz.

## 18.0 Ħwejjeg Oħra

18.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa li ssir display case fid-Dar tal-Kunsill bil-materjal li l-Kunsill ghandu ghal bejgh bhal CD's u kotba. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet.

18.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kienet tnehhiet it-tabella ta' direzzjoni li kien hemm hdejn l-SPCA u dawn kienu talbu jekk tistax terga' ssir. Il-Kunsill approva.

18.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa li ssir motorcycle bay fi Triq San Frangisk minhabba li l-muturi kienu qed jispiccaw jipparkjaw go parking bay normali. Huwa ssuggerixxa li ghandha titnaqqas ftit il-linja safra tat-tidwir li hemm fil-kantuniera biex ikun hemm post fejn titpogga l-motorcycle bay il-gdida. Il-Kunsill ghandu jivverifika din it-talba u jiehu l-azzjoni mehtiega fir-rigward.

18.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq talba minn resident biex isir planter quddiem ir-residenza tieghu fi Triq Antonio Agius. Il-Kunsill approva.

18.5 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ssir motocycle bay magenb ir-reserved parking bay ta' quddiem il-banka tal-lottu fi Triq il-Miratur. Il-Kunsill approva.

18.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar fejn kienet ser issir il-motorcycle parking bay ta' hdejn il-Knisja. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jisposta ftit il-parking bay minn mal-Keep Clear biex il-motorcycle bay issir fl-ispazju li jinholoq. Il-Kunsill approva.

18.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet talba minghand is-Surmast tal-iSkola biex il-

Kunsill jiehu hsieb jahsel il-faccata tal-iskola primarja. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa wara li tintalab stima ghax-xoghol.

18.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ghandhom jinhaslu s-central hangings minhabba li thammgu kollha maz-zmien. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jibdew jinhaslu wiehed wiehed u li ghandha tintalab kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol.

18.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ssir tabella ta’ direzzjoni ghall-cruise passenger terminal minhabba li t-turisti gieli jsibu ruhhom f'diffikulta'. Il-Kunsill qabel.

18.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar x'kien ser jigri dwar il-fanali ornamentali li l-Kunsill kien ordna 'il fuq minn xahrejn ilu u li kienu baqghu ma waslux. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lill-kuntrattur meta ser jaslu u f'kaz li ma jkunx hemm risposta, l-Kunsill iwaqqa' t-tender li ghandu mal-kuntrattur u tinzamlu l-garanzija bankarja.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 1 ta' Lulju 2010 fis-14:00.

Il-laqgha ntemmet fid-21.05.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |